**18 ta' Frar 1965**

**Imħallef:**

**Onor. Dr. A. Gauci Maistre, LL.D.**

Paul M. Laferla proprio et nomine

*versus*

Frank Pearce nomine

**Kummissjoni — Lukanda — Booking 'sole agency'**

*F'dan il-każ, l-attur kien ġie nominat mill-Kumitat nazzjonali dwar il-festi taċ-ċentinarju Pawlin li saru fl-1960, bħala 'sole age[illegible] għall-booking u biex jipprovdi akkomodazzjoni lill-viżi[illegible]turi li jiġu minn barra.*

*Ġie ritenut li l-attur kien ikollu dritt għall-kummissjoni min-*

*għand il-lukandier jekk l-attur ipoġġi 'firm booking' u l-aġenzija li kellu mill-Kumitat Pawlin ma kienetx tikkonferixxi lill-attur xi dritt awtomatiku li jepperċepixxi kummissjoni jekk jiġu alloġġjati nies fil-lukanda.*

Il-Qorti, fuq l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta illi kien ġie maħtur sole agent tan-National Pauline Committee biex jieħu ħsieb, versu l-kummissjoni solita, il-booking u l-accomodation tat-turisti, pellegrini u viżitaturi oħra li kellhom jiġu Malta għall-Festi Ċentinarji Pawlini, u billi kif jiġi pruvat waqt is-smiegħ tal-kawża, il-Hotel Phoenicia kisbet, permezz tal-attur jew permezz tan-National Pauline Committee li tiegħu l-attur kien sole agent, prenotazzjoni għal 157 Kavalier ta' Malta għal disat ijiem mis-sittax (16) sal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Lulju, 1960 bl-£4.10.-. *kuljum* għal kull persuna, u b'hekk ġie daħħlet kapital ta' £6358.10.0 li fuqu l-attur huwa ntitolat — kif jekk hemm bżonn għandu jiġi dikjarat — għall-kummissjoni solita, bħala aġent, tal-għaxra fil-mija (10%) u ċioè għas-somma ta' £635.17.0 u billi l-konvenut nomine nterpellat biex iħallas dina s-somma baqa' ma ħallasx, talab illi l-konvenut nomine jiġi kkundannat iħallas is-somma fuq indikata ta' sitt mija ħamsa u tletin lira, sbatax il-xelin (£635.17.0) bħala kummissjoni dovuta fuq l-inkassi li għamel il-konvenut nomine fiż-żmien u għarraġunijiet aktar 'il fuq indikati; bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet kummerċjali min-notifika taċ-ċitazzjoni;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut (fol. 5) li biha eċċepixxa illi ebda kummissjoni ma hija dovuta lill-attur peress illi ebda prenotazzjoni ma saret mill-attur jew permezz tal-attur rispett għall-grupp tal-Kavalieri ta' Malta li ġew Malta u qagħdu fil-Hotel Phoenicia fi żmien imsemmi fiċ-ċitazzjoni;

Semgħat ix-xhieda:

Rat id-dokumenti esibiti u semgħat lid-difensuri tal-partijiet;

Tikkunsidra illi fl-okkażjoni tal-festi taċ-Ċentinarju Pawlin, li saru fil-1960 l-attur kien ġie nominat, mill-Kumitat Nazzjonali nkarigat li jorganizza l-festeġġjamenti, bħala sole agent għall-booking u biex jipprovdi akkommodazzjoni lill-viżitaturi li jiġu minn barra skond kif jirriżulta mill-ittri tal-istess Kumitat (fol. 117 u fol. 77). Dan il-Kumitat kien diġa pprepara *questionnaire* lid-diversi lukandi dwar in-numru ta' kmamar u *prezzijiet* relativi u l-manager tal-Hotel Phoenicia kien irrisponda fuq il-formola dok BB fol. 78;

Il-konvenut xehed li in segwitu għal din in-nomina tiegħu l-Kumitat Pawlin kien igħaddilu l-korrispondenza kollha li kienet tgħaddi relattivament għal dawk li kienu sejrin jiġu minn barra nklużi l-booking fil-lukandi. Meta l-kumitat irċeva telegrammi mingħand il-Principe Rompolla tal-Cavalieri ta' Malta, il-Kavalier Naudi li kien jifforma parti minn dan il-Kumitat għaddieha lilu. L-attur allura bagħat lill-P.L. Lino Abela b'dan it-telegramm għan-nom tiegħu l-Hotel Phoenicia biex jagħmel il-bookings skond it-telegramm, però tal-Hotel Phoenicia ma riedux jittrattaw mal-P.L. Lino Abela u allura mar l-istess attur u kellem lill-Manager Zarb Mizzi, dana nsista fuq deposit ta' ħamsin fil-mija (50%), ħaġa li kienu ddikjaraw li ma kienux iridu fid-dokument ġa fuq imsemmi fol. 78. L-attur irriferixxa dan lill-Kavalier Naudi u dana ttelegrafa lill-Kavalieri ta' Malta u in segwitu għal dan it-telegramm ġie minn Ruma Dottor Richard Toledo li kellu konnessjoni mal-Kavalieri. L-attur ikompli jgħid li ddiskuta l-biċċa tad-depositu mal-Kurunell Strickland Managing Director tal-Malta Hotels Ltd fil-preżenza ta' Dottor Toledo u f'dik l-okkażjoni meta huwa osserva lill-Kurunell Strickland illi l-prezzijiet li kienu qegħdin jippretendu kienu għola minn dawk li kienu kkwotaw qabel fid-dok. BB il-Kurunell Strickland

wieġbu "Int għalik x'differenza tagħmel, il-kummissjoni tiegħek riservata". Billi kien jaf li l-Kurunell Strickland u Dottor Toledo kienu sejrin Ruma saqsa lill-Kurunell Strickland jekk iridx imur magħhom u dana qallu li ma kienx hemm bżonn. L-attur żied ukoll illi xi ħmistax il-ġurnata qabel ma l-Kumitat Pawlin kien irċeva l-imsemmi telegramm il-Prinċep Rampolla kien ġie Malta flimkien mal-Konti Pietromarchi u kien ħadhom iduru l-lukanda u ħadu xi nformazzjonijiet u kellmu lid-Direzzjoni, u kienu ffirmaw l-idea li jieħdu l-lukanda kollha, però sabu li ma kienetx kbira biżżejjed u huwa allura għamel bookings f'lukandi oħra. Żmien qabel kien mar Ruma mal-Kavalier Naudi u ltaqgħu ma Dottor Toledo u kienu marru għand il-Kavalieri ta' Malta u kien ppropponilhom li jiġu Malta bl-Star of Malta jiġifieri bil-vapur tiegħu, u effettivament kienu rranġaw li l-Kavalieri jiġu Malta bil-"Star of Malta", imma billi mbagħad n-numru tal-Kavalieri li ġew Malta naqas ġew biss tmenin. Billi l-Kavalieri ma ġewx kollha l-bookings li huwa kien għamel fl-Astra u Osborne Hotels tħassru: dawk li kellhom joqgħodu fit-Tigne Court ġew, u huwa ħa l-kummissjoni tant għal dawk tal-Astra kemm għal dawk ta' Tigne Court: ma ħax tal-Osborne għaliex ma riedx huwa.

Mix-xhieda ta' Joseph Farrugia (fol. 53) irriżulta illi fil-Hotel Phoenicia alloġġaw 93 Kavalier ta' Malta mid-dsatax ta' Lulju 1960 sal- ħamsa u għoxrin (25) ta' Lulju, 1960 u dan in-numru żdied għal 96 mill-20 ta' Lulju sal-25 ta' Lulju u l-kont totali kien ta £4365.2.0 Il-P.L. Lino Abela kkonferma fix-xhieda tiegħu (fol. 74) li kien mar il-Hotel Phoenicia fuq inkariku tal-attur biex jagħmel il-bookings tant għall-Kavalieri ta' Malta kemm għal nies oħra li kellhom jiġu minn barra u tal-Phoenicia urewh li riedu xi ħaġa konkreta u xi garanzija finanzjarja u għalhekk irriferixxa l-kwistjoni lill-Kavalier Naudi u lill-attur. L-attur li f'dik l-okkażjoni kellu xi telegramm f'idejh jaf però li kien daħal booking tal-Kavalieri

ta' Malta u kienu baghtuh il-Phoenicia biex jara x'inhi s-sitwazzjoni. Ma jidhirx li huwa semma lil tal-Phoenicia ghal liema żmien ried isir il-booking u kemm kmamar kellu bżonn, ghaliex huwa stess żied ighid li dana huwa akkordju li jsir wara: jaf li in segwitu ghal dan il-Kavalier Naudi u l-attur marru l-Phoenicia.

Il-Kurunell Strickland (fol. 68) xehed li huwa kien jaf ghaliex qara mill-ġurnali li l-attur kien ġie nominat bhala aġent mill-Kumitat Pawlin: l-attur kien kellmu darba u staqsieh jekk ikollux xi kmamar u huwa rrispondih affermattivament. Huwa aċċerta li l-attur qatt ma ghamel 'firm bookings' la mieghu la mal-manager u anqas mal-assistant manager: firm booking, huwa spjega, ifisser prenotazzjoni ta' kmamar bil-perijodu u n-numru ta' sodod determinat: huwa jhallsu s-solita kummissjoni tal-ghaxra fil-mija (10%) meta jkun hemm a firm booking u wara li jsir il-hlas. Mar Ruma ghaliex kien ġie Dottor Toledo u qallu li kien hemm hafna tahwid ghaliex il-Kavalieri ma kellhomx booking u ahjar ikellem lill-Prinċep Rampolla. Meta kien Ruma talab depositu li ma ftakarx ta' kemm kien, però l-Prinċep Rampolla tah depositu ta' miljun lira taljana jew iżjed. Kienu ntaqghu fil-Headquarters tal-Ordni u kien hemm preżenti wkoll Dottor Toledo u l-assistant manager tal-Phoenicia, Zarb Mizzi. Kienu riedu l-l-lukanda kollha u kien ghalhekk li nsista ghal depositu kif del resto dejjem isir meta jkun hemm booking ta' numru kbir ta' kmamar. Huwa eskluda kategorikament li qatt qal lill-attur li m'ghandux ghal fejn jinkwieta ruhu ghaliex dak li haqqu xorta wahda jiehdu.

Joseph Zarb Mizzi li fiż-żmien tal-festi taċ-Ċentinarju kien assistant manager tal-Phoenicia, xehed (fol. 72) li f'dak iż-żmien kien avviċinah l-attur u kellu telegramm f'idejh li ghalkemm ma jafx x'kien fih ma kienx ghal definita booking tal-Kavalieri. Ma jiftakarx preċiż x'kien qallu l-attur però hu-

wa ma kienx talab depositu: jaf li kienu esiġew depositu meta marru Ruma. Meta jittrattaw ma' aġenziji bħala regola jitolbu garanzija u mhux depożitu.

It-telegramm li semma l-attur, u anke biċċa bix-xhieda, ma ġiex esibit. Jidher li f'xi żmien kien f'idejn l-attur: però ħadd ma rnexxielu jsibu nonostanti anke r-riċerki tal-Kavalier Naudi u ta' Mons. Edward Coleiro, Segretarju Ġenerali tal-Kumitat Pawlin (fol. 55 u 104);

L-attur qiegħed jippretendi l-kummissjoni tiegħu tal-għaxra fil-mija (10%) għaliex, kif xehed, huwa jirritjeni li dak it-telegramm li rċeva mingħand il-Kumitat Pawlin kien jikkostitwixxi booking billi kull ma kellu jagħmel għamlu (fol. 97), però ammetta li kienu tal-Phoenicia, li awmentaw il-prezzijiet u ttrattaw biex il-Kavalieri ħadu l-lukanda kollha.

Mid-diversi xhieda li nstemgħu kompriżi dawk tal-manager tat-Tigne Court Hotel u tal-Astra Hotel (fol. 114, 127 u 128) jidher li titħallas kummissjoni tal-għaxra fil-mija (10%) lil min ikun għamel il-booking, u li min ikun għamel il-booking ikun responsabbli, f'każ ta' kanċellament, għall-cancellation fee. Jidher ukoll li hemm differenza bejn sempliċireservation ta' kmamar u firm booking li jimplika rabta soda dwar iż-żmien u n-numru tal-kmamar jew tal-persuni li jkunu jridu l-akkomodament. Il-provi tal-attur ma jistgħux iwasslu għall-konklużjoni li seta' sar dan il-firm booking. L-ewwelnett wieħed irid jara sew x'kien fih it-telegramm li għaddielu l-Kumitat Pawlin, imbagħad a parti minn dana huwa stess b'ebda mod ma wera li ried xi numru definit ta' kmamar jew indika kemm nies kienu sejrin jalloġġjaw fil-lukanda. Il-P.L. Lino Abela stess xehed illi tal-Phoenicia riedu xi garanzija finanzjarja, u għalhekk ma setax isir il-booking jiġifieri għal liema żmien u kemm kmamar ried. L-espressjoni li huwa uża hija sinjifikattiva ħafna: "Kien daħal booking tal-

kavalieri ta' Malta u qaluli (jiġifieri l-attur jew il-Kavalier Naudi) biex immur il-Phoenicia Hotel biex nara x'inhi s-sitwazzjoni".

Fil-Phoenicia nsistew għal depositu jew garanzija u dana żgur li ma kienitx xi ħaġa arbitrarja jew inġusta di fronti għall-attur la darba kien hemm rikjesta għall-lukanda kollha jew parti kbira minnha. Xi ħadd żgur li kien irid ikun responsabbli *għaliex ebda management ta' lukanda ma sejjer jimbarka* b'ħaġa simili u mbagħad issib li kollox josfor fix-xejn. Fil-fatt il-Kurunell Strickland meta mar Ruma nsista fuq depositu u mexxielu jakkwista mhux inqas minn miljun lira taljana. Kif xehed l-istess attur it-Tigne Court Hotel u l-Astra Hotel xorta waħda kienu kawtelati għaliex il-Prinċep Rampolla meta għamel depositu għal Phoenicia għamel wkoll għal dawn iż-żewġ lukandi.

Il-konċessjoni tal-aġenzija lill-attur da parti tal-Kumitat Pawlin ma kinitx tikkonferixxi lill-attur xi dritt li awtomatikament jipperċepixxi kummissjoni jekk jiġi alloġġjati xi nies fil-lukandi, għaliex ma kien hemm ebda rabta da parti tal-lukandieri li jħallsu xi ħaġa lill-attur għal kull persuna li jalloġġjaw. Il-konċessjoni tal-esklusività tal-aġenzija mogħtija mill-Kumitat Pawlin lill-attur evidentement saret mill-Kumitat biex ikollhom persuna waħda ma min jittrattaw b'vantaġġ reċiproku, għaliex l-attur fil-waqt li jaqdi lill-kumitat kien jippreċepixxi l-kummissjoni għal booking mingħand il-proprietarji tal-lukandi s-sitwazzjoni baqgħet l-istess illi huma ma iħallsux kummissjoni ħlief meta jsirilhom booking sod. L-attur mar biex jibda t-trattativi għall-booking, imma akkordju, kif xehed Lino Abela , ma laħaqx sar. L-attur donnu jrid ukoll isostni illi jekk l-akkordju ma sarx dan ma kienx ħtija tiegħu għaliex tal-Phoenicia kuntrarjament għal dak li kienu ddikjaraw qabel fil-questionnaire Dok. BB għal depożitu. Però dana m'huwiex biżżejjed biex jintitolah għall-kummissjoni. L-

ewwelnett kif spjega l-Kurunell Strickland altru reservation u altru firm booking, u altru prenotazzjoni ta' kamra jew kmamar u altru booking tal-lukanda kollha. Barra minn dana jidher *illi* r-*risposti kontenuti* f'dan il-questionnaire ma kienux xi ħaġa speċjali għall-okkażjoni taċ-Ċentinarju Pawlin, għalkemm mibgħuta in risposta għat-talba tal-istess Kumitat. Infatti *f'din ir-risposta* nsibu kwotazzjoni ta' *prezzijiet* għal Low season u għal high season ħaġa li turi li ma kienitx qegħda ssir xi kwotazzjoni partikolari għaż-żmien tal-festi taċ-Ċentinarju. *Fl-aħħarnett hemm wkoll li l-ftehim* sar fuq bażi iktar favorevoli minn dik kwotata fid-Dok BB, u, kif ammetta l-attur, kienu tal-Phoenicia jiġifieri l-Kurunell Strickland meta mar Ruma *illi* assikura *illi* l-*Kavalieri jieħdu* l-lukanda kollha.

Jista' forsi jiġi obbjettat li l-attur jekk m'hux dritt għall-kummissjoni sħiħa *jista' jkollu dritt għal xi kumpens tat-taħbit* tiegħu, in vista li anke mar Ruma u tkellem mal-Kavalieri. L-ewwelnett ma jidhirx ċar li huwa mar unikament għall-iskop *li jipprovdilhom* akkomodament *għaliex irriżulta illi* huwa kellu nteress li l-Kavalieri jiġu bil-vapur tiegħu. L-attur stess jammetti illi l-ewwel darba mar Ruma mħabba l-vapur tiegħu u xehed *li ġew tmenin biss bl-Star of Malta għaliex* fl-aħħar mument ħafna kkanċellaw l-viżita mħabba xi storbijiet li kienu nqalgħu l-Italja. Però a parti dana, a differenza ta' *senserija ordinarja fejn hemm dritt għall-kumpens f'każ li* t-taħbit ikun serva bħal bażi biex tkun ġiet konkluża l-operazzjoni, f'dan il-każ ma kienx l-attur li laqqa' l-Kavalieri ta' *Malta mad-direzzjoni tal-Phoenicia, imma kien il-Kurunell* Strickland li mar Ruma fuq rakkomandazzjoni ta' Dottor Toledo li kien diġà in kontatt mal-Kavallieri. Barra minn dan lukanda hija *istituzzjoni pubblika magħrufa mill-pubbliku* u aċċessibbli għal kulħadd; għalhekk hemm differenza ma senserija ordinarja anke għar-raġuni li aġenzija li tkun ibbukkjat tkun responsabbli għal *cancellation fees* ħaġa *li* ma tavverax ruħha fil-kors ta' senserija ordinarja.

Għaldaqshekk tiddeċiedi billi tiċħad it-talba, bl-ispejjeż stanti ċ-ċirkostanzi tal-każ bla taxxa; id-dritt tar-reġistru a kariku tal-attur.